31983D0070

L 47/25 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 19.2.1983

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
ta' l-1 ta' Frar 1983
li tikkonċerna l-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni ta' laħam frisk minn ċerti pajjiżi terzi

(83/70/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar is-saħħa u l-problemi ta' spezzjonijiet veterinarji ma' l-importazzjoni ta' annimali bovini u majjali u laħam frisk minn pajjiżi terzi [1], u b'mod partikolari Artikoli 16 u 28 tagħha,

Billi d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 78/693/KEE [2], 78/694/KEE [3], 78/695/KEE [4], 79/238/KEE [5], 79/543/KEE [6], 79/544/KEE [7], 81/526/KEE [8], 81/545/KEE [9], 81/546/KEE [10] u 81/547/KEE [11] stipulaw il-kundizzjonijiet dwar is-saħħa ta' l-annimali u l-ħtiġiet ta' ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni ta' laħam frisk mill-Arġentina, l-Brażil, l-Urugwaj, il-Paragwaj, Spanja, iċ-Cili, l-Isvizzera, l-Bulgarija, l-Awstrija u l-Jugoslavja rispettivament;

Billi kundizzjonijiet speċjali kienu stipulati fid-Deċiżjonijiet imsemmija hawn fuq għal ċerti Stati membri li jżommu mal-linja ta' kundizzjonijiet applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju; billi l-Kunsill, permezz tad-Direttiva 82/893/KEE [12], kien ftiehem għal estensjoni fl-applikazzjoni ta' dawk il-kondizzjonijiet speċjali;

Billi l-miżuri li għalihom tipprovdi din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. F'Artikolu 2 tad-Deċiżjonijiet 78/693/KEE, 78/694/KEE u 78/695/KEE li jikkonċernaw l-Arġentina, l-Brażil u l-Urugwaj rispettivament, "31 ta' Diċembru 1982" hija, għaldaqstant, mibdula bi "31 ta' Diċembru 1983".

2. Artikolu 4 tad-Deċiżjonijiet 78/693/KEE, 78/694/KEE, 78/695/KEE, 79/238/KEE, 79/543/KEE, 79/544/KEE u 81/526/KEE li jikkonċernaw l-Arġentina, l-Brażil, l-Urugwaj, il-Paragwaj, Spanja, iċ-Cili u l-Isvizzera rispettivament huma, għaldaqstant, mibdula b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi rieżaminata bil-ħsieb li tiġi adattata għar-regoli tal-Komunità li jikkonċernaw il-kontroll u eradikazzjoni tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fil-Komunità."

3. L-Artikolu 4 tad-Deċiżjonijiet 81/545/KEE, 81/546/KEE u 81/547/KEE li jikkonċernaw il-Bulgarija, l-Awstrija u l-Jugoslavja rispettivament, huma, għaldaqstant, mibdula b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi rieżaminata bil-ħsieb li tiġi adattata għar-regoli tal-Komunità li jikkonċernaw il-kontroll u l-eradikazzjoni tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer u l-marda tal-ħnieżer fil-Komunità."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-1 ta' Frar 1983.

Għall-Kummissjoni

Poul DALSAGER

Membru tal-Kummissjoni

---

(1) ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28.
(2) ĠU L 236, tas-26.8.1978, p. 19.
(3) ĠU L 236, tas-26.8.1978, p. 29.
(4) ĠU L 236, tas-26.8.1978, p. 37.
(5) ĠU L 53, tat-3.3.1979, p. 33.
(6) ĠU L 146, ta' l-14.6.1979, p. 18.
(7) ĠU L 146, ta' l-14.6.1979, p. 24.
(8) ĠU L 196, tat-18.7.1981, p. 19.
(9) ĠU L 206, tas-27.7.1981, p. 1.
(10) ĠU L 206, tas-27.7.1981, p. 7.
(11) ĠU L 206, tas-27.7.1981, p. 15.
(12) ĠU L 378, tal-31.12.1982, p. 57.